

**Brussell, 16 ta' Awwissu 2022  
(OR. en)**

**11788/22**

**RECH 464  
COMPET 650  
IND 315  
MI 620  
EDUC 291  
TELECOM 341  
ENER 393  
ENV 802  
AGRI 365  
TRANS 527  
SAN 485  
ATO 63**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 389 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u ta' Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa u ta' Orizzont 2020 fl-2021

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 389 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 389 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.8.2022  
COM(2022) 389 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u ta' Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni  
Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa u ta' Orizzont 2020 fl-2021**

## 1. SFOND

Dan ir-rapport, abbozzat skont l-Artikolu 190 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi t-Trattat Euratom, flimkien mal-[Artikolu 50 tal-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni](#) u l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, jipprovdi ħarsa ġenerali li ma hijiex eżawrjenti lejn l-attivitajiet ewlenin tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) tal-UE fl-2021 u l-monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa, Orizzont 2020 u l-Programm Euratom.

## 2. IL-KUNTEST POLITIKU U L-IŻVILUPPI TAL-POLITIKA

L-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE fl-2021 reġgħu kienu ffokati fuq l-indirizzar tal-**pandemija tal-COVID-19** u fuq il-mitigazzjoni tal-effetti tagħha fuq is-soċjetà u l-ekonomija Ewropea. Biex tingħata spinta lill-irkupru ta' wara l-pandemija fl-UE, tnediet il-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** (li għamlet EUR 800 biljun disponibbli f'self u għotjiet).

Fl-2021, **Orizzont Ewropa** – il-programm ewleni tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-2021-2027 attwali – tnedia b'baġit ta' EUR 95,5 biljun u b'EUR 5,4 biljun addizzjonali kkontribwiti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

### 2.1. Il-pandemija tal-COVID-19

Il-Kummissjoni kompliet tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-vaċċini u t-trattamenti, speċjalment għal meta jitfaċċaw varjanti ġodda. Sa tmiem il-programm preċedenti tar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020, ġew immobilizzati EUR 872,18 miljun biex jiffinanzjaw riċerka relatata mal-coronavirus, inklużi d-dijanostika, it-trattamenti, il-vaċċini, l-epidemjoloġija, it-tnejjija u r-rispons għat-tifqigħat, is-soċjoekonomija, is-saħħa mentali, il-produzzjoni u t-teknoloġiji diġitali, kif ukoll ir-riżorsi tal-infrastruttura u tad-*data* li jippermettu din ir-riċerka. Dawn l-isforzi ġew riflessi f'diversi attivitajiet li huma elenkati hawn taħt:

- L-adozzjoni tal-pakkett HERA, li jikkonsisti fil-[komunikazzjoni Introducing the Health Emergency Preparedness and Response Authority \(HERA\)](#) (Settembru 2021), [id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' HERA](#) u [l-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar qafas ta' miżuri biex tiġi żgurata l-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżijiet fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni](#). Matul is-sitt snin li ġejjin, EUR 1,7 biljun se jiġu allokati taħt Orizzont Ewropa biex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-oġettivi tal-HERA.
- [The communication HERA Incubator: Anticipating together the threat of COVID-19 variants](#) (Frar 2021) għandha l-għan li tindirizza ż-żieda fit-tixrid ta' varjanti godda tas-SARS-CoV-2.

- [The EU strategy on COVID-19 therapeutics](#) (Mejju 2021) iċċarat li l-investiment taħt Orizzont Ewropa se jappoġġa l-provi terapewtiċi u tal-vaċċini.
- [Nisiltu taġħlimiet bikrija mill-pandemija tal-COVID-19](#) (Ġunju 2021) telenka 10 lezzjonijiet mitgħallma, inkluż li “approċċ pan-Ewropew huwa essenzjali biex ir-riċerka klinika ssir aktar rapida, usa’ u aktar effettiva”.
- Fis-17 ta’ Diċembru 2021, ġie organizzat djalogu dwar “ir-riċerka għal azzjoni ta’ politika” tal-COVID-19 biex tiġi ffaċilitata r-riċerka dwar il-varjant Omicron.
- [Il-pjattaforma Ewropea ta’ data dwar il-COVID-19](#) kompliet tikber, u bħalissa għandha qrib l-10 miljun rekord ta’ tipi differenti ta’ data, inklużi aktar minn 4,5 miljun ġenoma virali u aktar minn 4,3 miljun sekwenza virali li ma humiex ipproċessati.
- [Il-manifest tal-COVID-19 tal-UE](#) biex jiġi massimizzat l-użu tar-riżultati tar-riċerka ġie estiż.

## 2.2. Tranżizzjoni ekoloġika u diġitali

Bid-dħul fis-seħħ tal-[Liġi Ewropea dwar il-Klima](#) (Ġunju 2021), il-miri ta’ emissjonijiet netti tal-gassijiet serra żero sal-2050 u t-tnaqqis tal-emissjonijiet b’mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, saru legalment vinkolanti fl-UE. F’Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat il-pakkett “[Lesti għall-Mira ta’ 55 %](#)” biex il-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jiġu magħmulin adatti biex jintlaħqu l-miri - inkluża l-mira li jintuża 35 % tal-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt Orizzont Ewropa għal investimenti ekoloġiċi. B’rabta mal-enerġija, l-oġettivi ewlenin tal-pakkett “Lesti għall-Mira ta’ 55 %” kienu li:

- Jitħaffu l-isforzi għall-effiċjenza enerġetika fis-setturi kollha;
- Jkun magħmul obbligatorju li l-bini jiġi rinnovat u li l-bini l-ġdid isir b’emissjonijiet żero sal-2030;
- Tingħata spinta lill-użu tal-enerġija rinnovabbli sabiex mill-inqas 40 % tal-konsum tal-enerġija jkun kopert minn sorsi rinnovabbli sal-2030.

Is-[Sitt rapport dwar l-istat tal-Unjoni tal-Enerġija](#) kien akkumpanjat minn rapport dwar il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa, li juri li l-UE għadha fuq quddiem nett fir-riċerka dwar l-enerġija nadifa.

L-implimentazzjoni tal-[istrateġija għal mobiltà sostenibbli u intelliġenti tal-UE](#) inkludiet diversi proposti leġislattivi fl-2021 bħala parti mill-pakkett “Lesti għall-Mira ta’ 55 %” (eż. [Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi](#) u l-inizjattivi [ReFuelEU aviation](#) u [FuelEU maritime](#)) u l-pakkett ta’ mobiltà effiċjenti u ekoloġika f’Diċembru (eż. reviżjonijiet tar-[Regolament tat-TEN-T](#) u tad-[Direttiva dwar l-ITS](#), kif ukoll [qafas ġdid tal-UE għall-mobiltà urbana](#)).

Il-[komunikazzjoni Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli](#) (Diċembru 2021) ippromwoviet ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżdedu l-assorbimenti u l-ħżin tal-karbonju mill-atmosfera.

Biex tfejji għall-impatt inevitabbli tat-tibdil fil-klima u ssir soċjetà reżiljenti għall-klima sal-2050, ġiet adottata [l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima](#) (Frar 2021) li tissottolinja r-rwol tax-xjenza.

Fl-2021, għall-ewwel darba mit-tnedija tal-[Fond għall-Innovazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet](#), l-UE qed tinvesti aktar minn EUR 1,1 biljun f' seba' proġetti innovattivi, bl-għan li għib teknoloġiji rivoluzzjonarji fis-suq għal (i) l-industriji intensivi fl-enerġija; (ii) l-idroġenu; (iii) il-qbid, użu u ħżin tal-karbonju; u (iv) l-enerġija rinnovabbli.

Id-dimensjoni ambjentali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ġiet appoġġata wkoll fl-2021 bl-adozzjoni ta' serje ta' inizjattivi fil-qafas tal-[Istrateġija għall-Bijodiversità](#) (bħall-Istrateġija għall-Foresti u l-Istrateġija dwar il-Ħamrija), il-[Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Zero](#) u l-[Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari](#). Ir-riċerka proposta taħt is-suġġetti ta' Orizzont Ewropa fl-2021 appoġġat dawn l-inizjattivi ta' politika.

Il-ftehim dwar ir-riforma tal-[politika agrikola komuni](#) ġie adottat (Diċembru 2021) kif ukoll [pjan ta' azzjoni organika](#), li jagħti rwol qawwi lir-riċerka u l-innovazzjoni. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jkunu importanti wkoll għall-iżvilupp tas-sekwestru tal-karbonju skont il-[komunikazzjoni dwar iċ-ċikli tal-karbonju sostenibbli](#).

Il-Kummissjoni adottat proposta għal [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika](#), adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2022, li fiha l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jistabbilixxu pakketti ta' politika komprensivi, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun ġusta u inklużiva.

[Il-Komunikazzjoni dwar l-Ekonomija Blu Sostenibbli fl-UE](#) (Mejju 2021) tiffoka fuq Irkupru Ekoloġiku għall-Ekonomija Blu – It-trasformazzjoni tal-Ekonomija Blu tal-UE għal Futur Sostenibbli, filwaqt li tenfasizza r-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-tmexxija ta' din it-trasformazzjoni.

[Marie Skłodowska-Curie Actions Green Charter](#) tippromwovi l-implimentazzjoni sostenibbli tal-attivitajiet ta' riċerka. Hija kodiċi ta' prattika tajba għal kwalunkwe individwu u istituzzjoni li jibbenefikaw mill-finanzjament.

Il-Kummissjoni proponiet [perkors għad-Deċennju Diġitali](#). Dan jistabbilixxi miri diġitali konkreti li l-UE hija mistennija li tikseb sal-2030. Il-proposta tistabbilixxi wkoll ċiklu ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jipprovdi qafas għall-iżvilupp ta' proġetti li fihom ikun hemm involuti diversi pajjiżi, li l-ebda Stat Membru ma jista' jiżviluppa waħdu (eż. informatika ta' prestazzjoni għolja, komunikazzjoni kwantistika sigura).

### 2.3. Industrija

[L-istrateġija industrijali](#) (Mejju 2021) aġġornata tikkonferma r-riċerka u l-innovazzjoni bħala xprunatur biex l-industrija Ewropea timxi 'l quddiem fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Ġiet żviluppata viżjoni għida għal industrija ekoloġika, reżiljenti u ċċentrata fuq il-bniedem fil-kunċett tal-[“Industry 5.0”](#) (Jannar 2021). Il-Kummissjoni ppubblikat [l-Indiċi tal-Prestazzjoni tat-Tranżizzjonijiet](#) tal-2020, li jimmonitorja t-tranżizzjoni lejn industrija ċirkolari u riġenerattiva tal-UE, u [t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Investment tar-](#)

[Riċerka u l-Iżvilupp Industrijali tal-UE tal-2021](#), li telenka l-aqwa 2 500 investitur privat fir-riċerka u l-iżvilupp.

Fl-2021, tnieda [programm spazjali tal-UE](#) integrat. Dan jiġbor flimkien attivitajiet operazzjonali għan-navigazzjoni bis-satellita, l-osservazzjoni tad-Dinja, u l-komponenti l-ġodda tal-[komunikazzjonijiet bis-satellita governattivi tal-UE](#) u tal-għarfien tas-sitwazzjoni spazjali, inklużi s-sorveljanza u t-traċċar spazjali tas-satelliti u tal-iskart spazjali.

## 2.4. Sigurtà

Il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal [Enhancing security through research and innovation](#), li jagħti eżempji ta' kif l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-gwardji tal-fruntiera jibbenefikaw mir-riċerka dwar is-sigurtà tal-UE. Id-dokument jiddeskrivi kif għandhom jiġu adottati r-riżultati tar-riċerka fl-għodod operazzjonali, inkluża [l-Komunità l-għdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà](#), li tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati kollha.

## 2.5. Sħubija mal-Istati Membri

Fl-2021, kien hemm progress kbir fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) mġedda bir-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-aġenda politika taż-ŻER](#). Din tistabbilixxi 20 miżura għall-2022-2024, inkluż il-kondiviżjoni ta' għarfien miftuħ u l-promozzjoni ta' karrieri xjentifiċi attraenti.

Il-valorizzazzjoni tal-għarfien hija kruċjali għall-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-soċjetà u fl-ekonomija. Il-Kummissjoni ħejjiet l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar [il-prinċipji gwida Ewropej għall-valorizzazzjoni tal-għarfien](#) u organizzat l-ewwel Ġimgħa ta' Valorizzazzjoni tal-Għarfien tal-UE (April 2021).

Iċ-ċiklu tas-semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ġie ssostitwit temporanjament mill-[pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza](#). Il-Kummissjoni rċeviet 26 pjan u approvat 22 minnhom – il-pjanijiet kollha jinkludu proposti solidi għall-investment u r-riformi fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Bid-[dikjarazzjoni ta' Ljubljana dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-riċerka u l-innovazzjoni](#), il-Kummissjoni, 25 Stat Membru u 12-il pajjiż assoċjat saħħew l-isforzi tagħhom lejn sistemi ta' riċerka ġusti, miftuħin, inklużivi u ugwali bejn il-ġeneri.

## 2.6. Aspetti internazzjonali

Il-[komunikazzjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni](#) tafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tippreserva l-ftuħ fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tippromwovi r-riċiproċità sostnuta minn valuri fundamentali b'enfasi fuq il-protezzjoni tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE.

Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-mexxejja tal-UE u tal-Balkani tal-Punent nedew [l-aġenda tal-Balkani tal-Punent dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażaġh u l-isport fis-Summit ta' Brdo](#).

Sitt prijoritajiet ta' wara l-2020 għar-riċerka u l-innovazzjoni ġew inkorporati fl-arkitektura riveduta tas-[Sħubija tal-Lvant](#) fl-2021 biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tas-sħab tal-Lvant.

Ġiet żviluppata [aġenda ġdida ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni](#) mal-Mediterran. Barra minn hekk, il-ħidma fuq pjan direzzjonali konġunt bejn l-UE u ċ-Ċina għall-kooperazzjoni futura fix-xjenza u t-teknoloġija għamlet progress. Ir-riċerka u l-innovazzjoni ssemew ukoll b'mod prominenti fis-[Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti li sar fi Brussell fil-5 ta' Ġunju 2021](#). Il-kooperazzjoni b'suċċess fir-riċerka u l-innovazzjoni mal-Amerika Latina u l-Karibew ġiet osservata mill-Kunsill fl-approvazzjoni tal-[pjan direzzjonali strateġiku bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew \(CELAC\)](#).

Kif enfasizzat fir-[Rieżami tal-Politika Kummerċjali](#) tal-2021, l-innovazzjoni hija kruċjali għall-kompetittività fit-tul tal-UE u għall-awtonomija strateġika miftuħa tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-impatt u l-pożizzjoni regolatorji tagħha f'setturi ewlenin, inkluż il-kummerċ diġitali.

## **2.7. Azzjonijiet diretti li ma humiex nukleari implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni (JRC)**

Il-JRC appoġġa bosta inizjattivi tal-Kummissjoni b'evidenza u b'analiżi xjentifiċi. Pereżempju, dawn għenu fil-ġlieda kontra l-COVID-19 billi mmonitorjaw il-prestazzjoni tal-metodi ta' ttestjar l-aktar użati u billi żviluppaw materjali ta' referenza; il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-apparat tat-test tal-COVID-19 u t-tqegħid tiegħu għad-[dispożizzjoni](#) tal-pubbliku; il-kontribut għall-ħolqien ta' [lista komuni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19](#) u l-għoti ta' aġġornamenti ta' kuljum għal [vjaġġar sikur](#).

## **3. L-IMPLIMENTAZZJONI U L-MONITORAĠĠ TA' ORIZZONT EWROPA, ORIZZONT 2020 U EURATOM**

### **3.1. Orizzont Ewropa fl-2021 – Punti Ewlenin u Novitajiet**

Fil-bidu tal-2021, ġew adottati l-atti legali tal-programm qafas il-ġdid xprunat mill-impatt [Orizzont Ewropa](#) u l-[pjan strateġiku](#) tiegħu għall-2021 sal-2024. Il-Kummissjoni adottat il-programm ta' ħidma ewlieni tal-2021 sal-2022 fil-bidu tal-2021 (iddedikat għall-COVID-19) u l-verżjoni sħiħa f'Ġunju. Imbagħad kien hemm aktar emendi f'Ottubru (l-Artikolu 22(5)) u f'Diċembru (emenda dwar il-Missjonijiet). Il-konfigurazzjonijiet rispettivi tal-kumitat tal-programm ġew stabbiliti u tnedew l-ewwel sejħiet. Sabiex jitħejjew għall-programm ta' ħidma ewlieni tal-2023 sal-2024, inħolqu b'mod konġunt abbozzi ta' dokumenti ta' orjentazzjoni mas-servizzi kollha kkonċernati.

Fl-2021, il-Kummissjoni ppromwoviet lil Orizzont Ewropa permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni għaċ-ċittadini u għall-partijiet ikkonċernati. Pereżempju, ġew

organizzati webinaris speċifiċi fil-Jiem Ewropej tar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021 (b'21 000 parteċipant), u saru 14-il sessjoni ta' informazzjoni biex jiġu spjegati l-istrumenti ta' finanzjament (235 000 dehra).

Strumenti ġodda tar-riċerka u l-innovazzjoni f'Orizzont Ewropa jinkludu l-[Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni](#), il-ġenerazzjoni li jmiss ta' [Sħubijiet Ewropej](#), u [Missjonijiet](#). Il-ħames Missjonijiet tnedew f'Settembru 2021 bħala approċċ innovattiv biex jintlaħqu għanijiet kuraġġużi u li jistgħu jitkejlu sal-2030. Il-Kummissjoni ppromwoviet Missjonijiet permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, bħal [vidjo li kien jinkludi tmien Kummissarji](#) (41 000 żjara), skedi informattivi u kampanji tal-media soċjali.

FI-2021, l-ewwel programm ta' ħidma tal-[Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni](#) (EIC) għamel aktar minn EUR 1,5 biljun disponibbli permezz ta' opportunitajiet ta' finanzjament, inklużi l-oqsma deskritti hawn taħt:

- L-[aċċeleratur tal-EIC](#) (madwar EUR 1 biljun) jiffinanzja negozji ġodda u kumpaniji żgħar u medji (SMEs) biex jiżviluppaw u jżidu innovazzjonijiet b'impatt għoli bil-potenzjal li joħolqu swieq ġodda jew li jfixklu dawk eżistenti.
- Il-[Pathfinder tal-EIC](#) (EUR 300 miljun) jinvolvi riċerka viżjonarja bil-potenzjal li jwassal għal skoperti teknoloġiċi.
- It-[Tranżizzjoni tal-EIC](#) (madwar EUR 100 miljun) għandha l-għan li tbiddel ir-riżultati tar-riċerka f'opportunitajiet ta' innovazzjoni.

L-ewwel żewġ programmi ta' ħidma tal-[Kunsill Ewropew tar-Riċerka](#) ġew adottati, u b'hekk saru disponibbli EUR 1,9 biljun u EUR 2,4 biljun rispettivament biex jgħinu lill-aqwa riċerkaturi jagħmlu riċerka fil-fruntieri tal-għarfien.

Fil-[Konferenza dwar it-Tibdil fil-Klima fi Glasgow](#), tnediet uffiċjalment [is-sħubija ta' katalizzatur tal-UE](#). Din is-sħubija se timmobilizza sa EUR 820 miljun (2022 sal-2026; EUR 200 miljun minn Orizzont Ewropa). L-investiment se jkun dirett lejn proġetti bbażati fl-UE b'potenzjal għoli għall-idroġenu ekoloġiku, għall-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, għall-qbid dirett tal-arja, u għall-ħżin tal-enerġija fit-tul.

Fil-[programm spazjali tal-UE](#), il-parti tar-riċerka u l-innovazzjoni spazjali ta' Orizzont Ewropa ssir aktar importanti għall-validità futura tal-investiment strateġiku tal-UE fl-ispazju. Dan jinkludi l-evoluzzjoni tal-komponenti tal-programm spazjali, l-awtonomija strateġika fit-teknoloġiji satellitari, l-aċċess għall-ispazju, u l-adozzjoni mis-suq ta' servizzi u applikazzjonijiet permessi mill-ispazju.

Taħt Orizzont Ewropa, l-[Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie](#) enfasizzaw aktar il-kollaborazzjoni bejn is-setturi, is-superviżjoni effettiva u l-gwida għall-karriera. Il-programm baqa' l-aħjar Prattika ta' appoġġ għar-riċerkaturi nisa (li jammontaw għal 41,6 % tal-inkarigati mir-riċerka kollha). Il-programm iċċelebra l-25 anniversarju tiegħu fl-2021 u appoġġa aktar minn 145 000 riċerkatur mill-1996.

Il-[bażi ġuridika tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija](#) (EIT) ġiet ikkonsolidata. L-[aġenda strateġika ġdida tal-innovazzjoni](#) tal-EIT għall-2021 sal-2027 tistabbilixxi l-oġġettivi, l-azzjonijiet ewlenin, il-mod ta' tħaddim, ir-riżultati mistennija u l-impatt. FI-2021:



- L-EIT iffirma ftehimiet ta' għotja ma' tmien komunitajiet eżistenti ta' konoxxenza u innovazzjoni (KKI) li jiswew EUR 357,5 miljun;
- 1 006 persuni gradwaw minn programmi ta' master u dottorat bit-tikketta tal-EIT;
- Inħolqu 32 negozju ġdid minn studenti fi programmi tal-EIT, u 101 negozju ġdid irriżultaw minn proġetti ta' innovazzjoni tal-EIT;
- 1 378 negozju ġdid irċevew appoġġ mill-KKI;
- Tnieda l-[bini tal-kapaċità tal-innovazzjoni għall-inizjattiva tal-edukazzjoni għolja](#).

Il-programm ta' ħidma tal-2021 sal-2022 jinkludi 210 suġġetti li huma mmirati speċifikament lejn il-**kooperazzjoni internazzjonali** (madwar 20 % tas-suġġetti kollha). Dawn jinkludu l-inizjattiva ambizzjuża ta' EUR 350 miljun tal-[Afrika](#) b'sejħiet għal riċerka kollaborattiva fis-saħħa pubblika, it-tranżizzjoni ekoloġika, u l-innovazzjoni u t-teknoloġija.

Sa tmiem l-2021, saru **negozjati għal assoċjazzjoni** ma' 18-il pajjiż li ma humiex tal-UE, li disġha minnhom diġà ġew konklużi u qegħdin jipproduċu effetti legali. Il-valutazzjoni tal-pajjiżi assoċjati kandidati biex jipparteċipaw f'sejħiet koperti skont l-[Artikolu 22\(5\)](#) tar-Regolament Orizzont Ewropa twettqet fl-2021. Din il-ħidma se tinforma dwar l-użu tal-limitazzjonijiet fil-programmi ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa matul is-snin li ġejjin.

Ix-**xjenza miftuħa** saret il-mod ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa. Bit-tnedija tal-ewwel sejħiet, il-prattiki tax-xjenza miftuħa issa qegħdin jitqiesu meta jiġu evalwati l-proposti tal-proġett (bħala parti mill-kriterji ta' "eċċellenza" u "kwalità u effiċjenza tal-implimentazzjoni").

Orizzont Ewropa saħħaħ ir-regoli dwar l-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, inkluż kriterju ta' eliġibbiltà ġdid infurzat mill-2022. Il-korpi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-korpi tal-edukazzjoni għolja kollha fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati jrid ikollhom pjan ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-seħħ biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament.

### 3.2. Monitoraġġ tal-analiżi tad-data – Sejħiet immedija<sup>1</sup>

Fl-2021, tnedew aktar minn mitt sejħa għal proposti u azzjonijiet oħra fil-programm ta' ħidma Orizzont Ewropa tal-2021 sal-2022:

- **Pilastru 1 – Xjenza eċċellenti** kellu 15-il sejħa għal proposti u seba' sejħiet għal azzjonijiet oħra li jappoġġaw ir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien u ideat xjentifiċi rivoluzzjonarji (EUR 3 biljun).

<sup>1</sup> Sors: *Data Common Research Data Warehouse (CORDA)* u *metadata* ta' monitoraġġ tal-politika tas-Sistema tal-Passaport tas-Sejħiet (CPS). Data limitu: Diċembru 2021, data tal-estrazzjoni: Jannar 2022.

- **Pilastru 2 - Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea** kellu 42 sejħa għal proposti (EUR 5,3 biljun) u 26 sejħa għal azzjonijiet oħra (EUR 328 miljun) f' sitt raggruppamenti differenti<sup>2</sup>.
- **Pilastru 3 – Ewropa innovattiva** kellu 14-il sejħa għal proposti u tmien sejħiet għal azzjonijiet oħra (EUR 1,6 biljun), li għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet ta' tfixkil.
- **It-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tisħiħ taż-ŻER** kellu ħames sejħiet għal proposti u erba' sejħiet għal azzjonijiet oħra (EUR 266,5 miljun).


## Sħubijiet Ewropej

Il-Kummissjoni nediet 23 Sħubija Ewropea ġdida:

- **Ħdax-il Sħubija Ewropea Koprogrammata:** Tnedew 17-il sejħa għal proposti (EUR 1,6 biljun) relatati ma' sħubijiet koprogrammati, primarjament fl-oqsma diġitali (raggruppament 4) u klimatiċi (raggruppament 5), iżda wkoll mill-programm ta' ħidma tal-infrastrutturi tar-riċerka.
- **Ħdax-il Sħubija Ewropea istituzzjonalizzata:** Mis-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati, l-Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u t-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin nediet erba' sejħiet għal proposti (EUR 215-il miljun).
- **Sħubija Ewropea waħda kofinanzjata:** Is-**Sħubija Ewropea għall-Bijodiversità** nediet sejħa għal proposti waħda: 46 organizzazzjoni ta' finanzjament minn 34 pajjiż irriżervaw ammont totali ta' aktar minn EUR 40 miljun.

## Missjonijiet

Għall-ħames Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, tnedew 13-il sejħa għal proposti (madwar EUR 541 miljun).



## Kontribuzzjoni mistennija għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni

Għalissa, il-kontribut ta' Orizzont Ewropa għall-prijoritajiet tal-2019 sal-2024 ta' din il-Kummissjoni jista' jiġi stmat biss abbażi tad-*data* miġbura għas-sejħiet<sup>3</sup>:

<sup>2</sup> Raggruppament CL 1: Saħħa, CL 2: Kultura, kreattività u soċjetà inklużiva, CL 3: Sigurtà ċivili għas-soċjetà, CL 4: Diġitali, industrijali u spazjali, CL 5: Klima, enerġija u mobbiltà, CL 6: Ikel, bijoekonomija, riżorsi naturali, agrikoltura u ambjent.

<sup>3</sup> L-analiżi li ġejja tirreferi għal sejħiet minn fuq għal isfel f'raggruppamenti li għalihom hemm disponibbli biżżejjed informazzjoni dwar is-suġġetti. Dan jeskludi sejħiet minn isfel għal fuq (eż. sejħiet tal-EIC, ERC, MSCA) u sejħiet għall-Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni, l-Infrastrutturi tar-Riċerka, Missjonijiet u Twessigħ u ż-ŻER. L-analiżi tirreferi għall-baġit kumulattiv, jiġifieri l-baġit sħiħ tas-suġġetti jitqies anki jekk is-suġġetti jistgħu jikkontribwixxu għal aktar minn prijorità politika waħda.

- 33 sejħa mmirati biex jikkontribwixxu għall-**Patt Ekoloġiku Ewropew** (madwar EUR 4 biljun fir-raggruppamenti kollha<sup>4</sup>);
- 29 sejħa mmirati biex jikkontribwixxu għal **Ewropa Lesta għall-Era Diġitali** (madwar EUR 2,2 biljun<sup>5</sup>).

Fl-2021, il-Kummissjoni [mmobilizzat ukoll EUR 123 miljun għar-riċerka dwar il-varjanti tal-coronavirus](#) kif imħabbar f'April u f'konformità mal-[inkubatur HERA](#).

### **Rati ta' suċċess<sup>6</sup>**

Sa tmiem l-2021, 64 minn fost aktar minn 100 sejħa għal proposti ngħalqu u ġew evalwati bis-sħiħ. Is-sejħiet iġġeneraw 7 460 proposta eliġibbli li talbu kontribuzzjoni totali tal-UE ta' EUR 18,8 biljun. Għalkemm 66 % tal-proposti eliġibbli kienu oġġla mil-limitu ta' kwalità, setgħu jintgħażlu biss 1 290, u b'hekk ir-**rata ta' suċċess ġenerali tal-proposti eliġibbli kienet ta' 17,3 %** għall-ewwel sena tal-programm.

Sa tmiem l-2021, kienu diġà ġew iffirmati 19-il ftehim ta' għotja għal kontribuzzjoni totali tal-UE ta' EUR 245,6 miljun kondiviża bejn oqsma tematiċi differenti (ara t-Tabella 1). L-għotjiet l-oħra kienu għadhom qed jitħejjew.

---

<sup>4</sup> CL 5 (disa' sejħiet, EUR 1,4 biljun, 34,5 % tal-baġit kumulattiv totali), segwita minn CL 4 (sitt sejħiet, EUR 1 biljun, 26,2 %), CL 6 (tmien sejħiet, EUR 976 miljun, 24,3 %) u CL 1 (ħames sejħiet, EUR 545 miljun, 13,5 %).

<sup>5</sup> CL 4 (seba' sejħiet, EUR 978,4 miljun, 44,2 % tal-baġit kumulattiv totali), segwita minn CL 5 (seba' sejħiet, EUR 643 miljun, 29 %).

<sup>6</sup> Sors ta' *data*: CORDA, data limitu: Diċembru 2021, data tal-estrazzjoni: Jannar 2022.

Qasam tematiku	Kontribuzzjoni tal-UE (EUR)	Daqs medju tal-għotja (EUR)	Nru ta' għotjiet iffirmati
Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC)	517 828,75	517 828,75	1
Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA)	150 000,00	150 000,00	1
Infrastrutturi ta' riċerka	400 000,00	200 000,00	2
Saħħa	88 527 007,06	9 836 334,118	9
Kultura, kreattività u soċjetà inklużiva	703 796,75	351 898,38	2
Klima, enerġija u mobbiltà	250 000,00	250 000,00	1
Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza	153 000 000,00	153 000 000,00	1
Riforma u titjib tas-sistema Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni	2 100 000,00	1 050 000,00	2
	<b>245 648 632,56</b>		<b>19</b>

Tabella 1: Ftehimiet ta' għotja ffirmati skont il-qasam tematiku

L-ewwel għotjiet iffirmati jinvolvu 120 parteċipant minn 28 pajjiż differenti. Minbarra l-azzjoni speċifika kofinanzjata [COST](#) (EUR 153 miljun), 13,7 % tal-finanzjament tal-UE se jmur għal 10 parteċipanti mill-SMEs u 8,5 % se jmur għal pajjiżi li ma humiex tal-UE. L-edukazzjoni għolja (37 %) u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka (24 %) għandhom l-akbar sehem ta' parteċipanti.

### 3.3. Orizzont 2020 fl-2021<sup>7</sup>

Sa tmiem l-2019, għaddew 955 skadenza tas-sejħiet ta' Orizzont 2020, u ġew ippreżentati 283 065 proposta eliġibbli, li kienu jirrikjedu kontribuzzjoni totali tal-UE ta' EUR 473,2 biljun. Minn dawn il-proposti, intgħażlu 33 798 proposta għall-finanzjament, biex ir-rata globali ta' suċċess ta' proposti eliġibbli fl-ewwel seba' snin saret ta' 11,9 %. Fl-2021, ġew iffirmati 3 160 ftehim ta' għotja għal total ta' EUR 6,1 biljun li għabu l-allokkazzjoni totali tal-baġit tal-UE għall-2014 sal-2021 għal EUR 68,2 biljun, li minnhom il-pilastru tax-Xjenza Eċċellenti kellu l-akbar sehem (36,7 %) segwit mill-pilastru tal-isfidi tas-Soċjetà (38,5 %) u tat-Tmexxija industrijali (20,2 %).

Fost il-41 200 benefiċjarju distinti, l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jibqgħu l-akbar grupp ta' riċevituri (39,2 % tar-riċevituri kollha), segwiti mis-settur privat (28,2 %), filwaqt li 16,5 % tal-finanzjament ta' Orizzont 2020 imur għall-SMEs. S'issa, il-proġetti finanzjati mill-UE taħt Orizzont 2020 irriżultaw f'aktar minn 151 000 pubblikazzjoni rieżaminata bejn il-pari ta' aktar minn 2 600 applikazzjoni għall-privattivi u 1 168 għotja ta' privattivi.

<sup>7</sup>

Sors: Public Horizon Dashboard, dashboard tal-proposti għar-riċerka u l-innovazzjoni u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Data limitu: Diċembru 2021, Data tal-estrazzjoni: Jannar 2022.

### 3.4. Tixrid u sfruttament

Attivitajiet differenti appoġġaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tal-proġett tar-riċerka u l-innovazzjoni.

- Żdiedu karatteristiċi ġodda biex jiġu kkaratterizzati r-riżultati mal-[Horizon Results platform](#) u l-benefiċjarji tellgħu 500 riżultat ewlieni ġdid li jista' jiġi sfruttat mill-programmi qafas.
- Il-[Horizon Results Booster](#) ipprova servizzi ta' tixrid u sfruttament immirati lill-benefiċjarji.
- Il-[CORDIS](#) xerred ir-riżultati mill-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE. Dan laħaq professjonisti fil-qasam biex irawwem ix-xjenza miftuħa, ħoloq prodotti u servizzi innovattivi u stimula t-tkabbir madwar l-Ewropa. Huwa produċa wkoll firxa ta' prodotti editorjali multilingwi topiċi.
- L-[għodda l-ġdida għall-immappjar tas-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Interreg](#) tintegra d-*data* minn proġetti ffinanzjati taħt Orizzont 2020 u r-raba' sejħa Interreg għall-Ewropa Ċentrali. Dan jgħin biex isir it-tqabbil ġeografiku u tematiku, filwaqt li jindika sinerġiji potenzjali fil-livell reġjonali.
- Ġew żviluppati dashboards ġodda għad-[Dashboard ta' Orizzont](#), li jipprovdu *data* f'diversi programmi qafas.
- Il-ħruġ tad-*data* ta' Orizzont 2020 ta' kull xahar sar disponibbli għall-Istati Membri u għall-pajjiżi assoċjati (*bid-data* ta' Orizzont Ewropa magħmula disponibbli minn Awwissu 2021).
- L-[inizjattiva tal-politika tad-data Ewropea għar-riċerka u l-innovazzjoni](#) kompliet għaddejja, b'enfasi fuq il-*mikrodata* dwar il-finanzjament nazzjonali.
- Taħt [l-istrateġija l-ġdida ta' tixrid u sfruttament ta' Orizzont Ewropa](#), ġie adottat il-pjan ta' azzjoni għall-2021 sal-2022 dwar it-tixrid u l-isfruttament.
- Ir-[Radar tal-Innovazzjoni](#), li jidentifika proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE b'potenzjal għoli, ġie estiż għall-programm qafas kollu fl-2021.

Eżempji ta' attivitajiet speċifiċi biex jappoġġaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati mill-Programmi Qafas f'oqsma tematiċi huma:

- L-[inizjattiva BlueInvest](#) ipprovdiet assistenza u aċċess għall-investment għal diversi negozji ġodda marittimi u SMEs, li ħafna minnhom kienu żviluppaw servizzi u prodotti fi programmi qafas preċedenti.
- Il-promozzjoni ta' sorsi komplementari ta' finanzjament tal-UE taħt [il-Fond għas-Sigurtà Interna](#), [l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viżi](#) u [l-Istrument għat-Tagħmir għall-Kontroll Doganali](#) għat-teħid tar-riżultati tar-riċerka dwar is-sigurtà.

### 3.5. **Analiżi fil-fond: Monitoring flashes ta' Orizzont Ewropa u studji oħra**

#### **Il-kontribut tal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE għar-riċerka relatata mal-COVID-19**

[Din l-analiżi](#) wriet li l-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE kkontribwixxa għal madwar 3 000 dokument ta' riċerka dwar il-COVID-19. Dawn id-dokumenti ġejjin minn kważi l-partijiet kollha tal-programmi qafas, iżda l-programm tas-saħħa, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska Curie jammontaw għal madwar 80 % minnhom. 56 % tal-pubblikazzjonijiet inkitbu b'mod konġunt fuq livell internazzjonali.

L-analiżi identifikat b'mod tentattiv l-aktar sejbiet importanti li għalihom ikkontribwixxa l-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, kif ukoll riċerka dwar tifqigħat ta' coronavirus fil-passat li fuqhom tibni l-ġlieda kontra l-pandemija attwali.

#### **Ħolqien ta' azzjoni klimatika globali**

Ir-riżultati ta' [din l-analiżi](#) jindikaw li l-finanzjament tal-UE (il-Programm Qafas 7 u Orizzont 2020) ikkontribwixxa għal aktar minn 2 500 publikazzjoni msemmija fl-erba' rapporti tas-sitt ċiklu ta' valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) (11,5 % tar-referenzi kollha). Meta jitqiesu l-pubblikazzjonijiet miktubin / miktubin b'mod konġunt minn riċerkaturi mill-Istati Membri u mill-pajjiżi assoċjati, dan is-sehem huwa ta' 21,5 %. Għall-[aktar rapport reċenti](#), 14 % tar-referenzi kienu appoġġati mill-finanzjament tal-UE.

Biex tappoġġa l-[Patt Ekoloġiku Ewropew](#), fl-2020 il-Kummissjoni nediet l-aħħar u l-akbar sejħa ta' Orizzont 2020. Is-sejħa ta' EUR 1 biljun attirat 1 550 proposta, li involvew 28 000 applikant, u għażlet 73 proġett (1 778 applikant) għall-finanzjament. Intgħażlu organizzazzjonijiet minn 75 pajjiż biex jirċievu finanzjament. 38 % tal-parteċipanti magħżula ġejjin mis-settur privat, u madwar nofs dawn huma SMEs. Il-Kummissjoni nediet [stħarriġ pilota dwar l-impatt fuq il-klima](#) biex tiġbor *data* għall-valutazzjoni tal-benefiċċji mistennija minn din is-sejħa.

#### **Riżultati tal-istudju ta' evalwazzjoni**

Tnediet serje ta' studji ta' evalwazzjoni bħala parti mill-evalwazzjoni *ex-post* finali ta' Orizzont 2020. Fl-2021, tlestew tliet studji dwar aspetti speċifiċi ta' Orizzont 2020 dwar oqsma ta' fokus, il-politika ta' aċċess miftuħ u s-sistema ta' evalwazzjoni tal-proposta.

### 3.6. **L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Programm Euratom**

F'Mejju 2021, il-Kunsill adotta regolament li jstabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2021 sal-2025. Il-Kummissjoni adottat programmi ta' ħidma għal:

#### **a) Azzjonijiet diretti nukleari implimentati mill-JRC**

Il-JRC ippubblika 105 artikli f'għurnali rieżaminati bejn il-pari u 22 f'monografiji/għurnali oħra u abbozza b'mod konġunt seba' dokumenti ta' politika u ħareġ sitt rapporti ta' xjenza għall-politika, 89 rapport tekniku, u żewġ kontribuzzjonijiet għall-istandards. L-

outputs tekniċi jinkludu 13-il materjal ta' referenza, metodi u kejl, 17-il sistema teknika, u tmien bażijiet tad-*data* u settijiet tad-*data* xjentifiċi.

Il-JRC organizza 14-il kors ta' taħriġ għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni li jindirizzaw l-implimentazzjoni tad-[Direttiva dwar l-Istandards tas-Sikurezza Bażiċi](#) u jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u tal-Istati Membri fis-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.

Fil-qasam tas-salvagwardji nukleari, il-JRC iprovda appoġġ tekniku għall-ispezzjonijiet, opera l-laboratorju tal-Euratom fuq il-post fi Franza, u analizza l-materjali nukleari. Huwa żviluppa wkoll metodi analitiċi mtejba u provda appoġġ għar-rieżami bejn il-pari tat-test tal-istress nukleari fil-Belarusja u fit-Turkija.

#### **b) Azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom (għotjiet)**

L-għotjiet tal-Euratom jiffinanzjaw ir-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni u l-fissjoni nukleari. Ir-riċerka dwar il-fissjoni tkopri s-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u l-protezzjoni mir-radjazzjoni, l-applikazzjonijiet li ma humiex tal-enerġija, u l-edukazzjoni u t-taħriġ. Għar-riċerka dwar il-fissjoni, il-kontribuzzjoni tal-UE hija stabbilita għal EUR 99,9 miljun għall-2021 sal-2022.

Il-Kummissjoni tat għotja ta' EUR 547 miljun biex timplimenta s-Sħubija Ewropea kofinanzjata għar-riċerka dwar il-fużjoni matul l-2021 sal-2025.

## **4. PROSPETTIVA 2022**

Fl-2022, il-**programm ta' ħidma** ewlieni ta' Orizzont Ewropa 2023 sal-2024 se jiġi abbozzat u adottat. Barra minn hekk, huma ppjanati passi preparatorji ulterjuri u abbozzar tal-**pjan strateġiku 2025 sal-2027**.

Fl-2022, il-Kummissjoni se tkompli twestaq **attivitajiet ta' komunikazzjoni** dwar Orizzont Ewropa, filwaqt li tħabbar it-tnedija tal-programm ta' ħidma tal-2023 sal-2024 permezz tal-komunikazzjoni tal-media u tal-media soċjali. Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll viżibbiltà għat-tnedija tal-iżvilupp tal-pjan strateġiku permezz ta' aktivitajiet ta' komunikazzjoni li jilħqu lill-partijiet ikkonċernati u liċ-ċittadini.

Il-Kummissjoni se tfittex l-involvement taċ-ċittadini permezz ta' ħafna inizjattivi, bħall-[Konkurs tal-UE għax-Xjenzi Żgħażaġħ](#), il-[proġett pilota tal-osservaturi żgħażaġh ta' Orizzont Ewropa](#) u l-ERA4Yu, biex tqajjem kuxjenza dwar il-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u toħloq dibattitu dwarhom. Il-Kummissjoni se tkompli tikkomunika mal-partijiet ikkonċernati dwar Missjonijiet u Sħubijiet, b'rabta ma' komunità li qed tikber biex tindirizza wħud mill-aktar sfidi urġenti tal-Ewropa.

Il-Kummissjoni se torganizza l-[Jiem tar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2022](#), li jlaqqgħu lil dawk li jfasslu l-politika, lir-riċerkaturi, lill-imprendituri u lill-pubbliku biex jiddibattu u jsawru l-futur tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tenfasizza r-rwol tal-UE bħala attur globali permezz tal-promozzjoni tal-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE għall-Mediterran; l-aġenda

tal-innovazzjoni konġunta tal-Unjoni tal-Afrika tal-UE u l-[Forum Miftuħ tal-EuroScience](#).